MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. APAP BOLOGNA JOSEPH A. B.A., LL.D.

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2002

Avviz Numru. 1157/2000/1

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**John u Rita konjugi Saliba**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' Lm265.86 (mitejn u hamsa u sittin Lira u sitta u tmenin centezmu) mill-konvenuti dovuta in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 686284, skond il-prospett anness mal-avviz u mmarkat Dok A, liema servizz gie stallat fuq rikjesta taghhom fil-fond "Swift Self-Service", Triq Santa Marija, Ghaxaq u dan skond is-service agreement, kopja annessa mal-avviz u mmarkata Dok B.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 23 ta' April, 1999 u bl-imghaxijiet legali mit-23 ta 'April, 1999 sad-data

tal-effettiv pagament kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokumenti annessi a fol 2 u fol 3 tal-istess atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fil-4 ta' Dicembru 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm265.86,0 bl-imghaxijiet mit-23 ta' April 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra ufficjali tat-23 ta' April 1999.

Alan Calleja
Deputat Registratur